MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 404/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Galea bin Edward u Catherine nee' Camilleri imwieled fil-15 ta' Frar 1965 u residenti fl-appartament numru 29, Flat 2, Gesu Redentur, Triq il-Kurat Schembri, Mosta, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 125865(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Joseph Galea li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2007 ghal habta tas-17:30hrs waqt li kien fl-inhawi ta' l-Gholja tal-Ghammar limiti tal-Ghasri, Ghawdex, u liema zona skond l-A.L.79/2006 skeda V numru 22 hi mnizzla bhala Santwarju ta' l-Ghasafar:-

1. ikkaccja, wegga, ha jew ipprova jikkaccja jew jiehu xi ghasfur f’Santwarju tal-Ghasafar.
2. kellu il-pusess jew fil-kontroll tieghu xi arma tan-nar L.Franchi Nru. S72349 u munizzjon jew kull mezz iehor ghal kacca jew ghat-tehid ta’ xi ghasfur fl-imsemmi Santwarju tal-Ghasafar.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fil-jum indikat fl-akkuza l-imputat Joseph Galea flimkien ma’ kaccatur iehor Carmelo Saliba gie intercettat minn membri tal-Forzi Armati gewwa s-Santwarju tal-Ghasafar fl-Gholja tal-Ghammar. Illi kemm il-Gunner 86750 Godwin Micallef kif ukoll il-Lance Bombardier Richard Vella jindikaw illi l-imputat gie intercettat proprju gewwa s-Santwarju u dana gie kkonfermat mill-Maggur Claudio Terribile li kien maghhom, ghalkemm f’dina l-kawza ma xehedx, izda jghidu illi minn fuq il-pjanta irrizultalhom illi l-imputat kien jinsab proprju gewwa s-Santwarju ghalkemm bi ftit metri. Illi x-xhud Rappresentant tal-MEPA, Stanley Gatt, jikkonferma illi l-post indikat lilu mill-Maggur Terribile fejn gie intercettat l-imputat u siehbu jinsab proprju gewwa l-konfini tas-Santwarju. Id-dokument G li huwa pjanta jindika l-posizzjoni ezatta fejn kien l-imputat fil-jum tal-akkuza.

Illi l-imputat ma jikkontestax il-fatt illi fil-jum in kwistjoni huwa kien qieghed ghal kacca. Izda jikkontendi illi huwa ilu jmur ghall-kacca f’dina z-zona ghal diversi snin u sa fejn jaf hu qatt ma dahal fil-konfini tas-Santwarju. Ma jichadx madankollu illi huwa nstab proprju fil-post indikat bis-salib fil-pjanta esebita fl-atti bhala Dokument G, ezattament hdejn siehbu Carmelo Saliba. Ighid biss illi huwa ma kienx konsapevoli tal-fatt illi dana l-post jinsab

fil-konfini tas-Santwarju peress illi l-istess konfini ma hemmx marki vizibbli tal-istess konfini.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo Azzopardi deciza fil-25 ta' Lulju 2008, il-Qorti sostniet:

**"Il-fatt li wiehed, ghax ma jkunx ha hsieb li jara l-ligijiet sew, jibqa' diehel f'santwarju ta' l-ghasafar proprju ghax ma jkunx jaf fejn huma l-konfini ta' tali santwarju, jammonta ghal zball tal-ligi penali li, kif inhu risaput, ma jistax jingieb bhala skuzanti. L-appellat kien ghall-kacca u, armat kif kien, baqa' diehel f'santwarju ta' l-ghasafar. Lehaqx dahal ftit jew lehaqx dahal hafna f'dan is-santwarju huwa rrelevanti – huwa kien ghall-kacca f'santwarju ta' l-ghasafar bi ksur tar-regolament 24 tal-imsemmi A.L. 79/2006."**

Illi ghalhekk il-fatt illi l-imputat ighid li ma kienx jaf li kien dahal fil-konfini tas-Santwarju ma hijiex xi skuzanti. Jidher illi l-imputat ilu kaccatur ghal snin twal. Di piu' jidher ukoll illi ilu jmur ghall-kacca f'dawn l-akwati wkoll ghal diversi snin u ghalhekk messu kien jaf ezattament fejn seta' jezercita d-delizzju tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 24(a) u (c), 27(2) u l-Iskeda V numru 22 tal-Avviz Legali 79/2006 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' €232.93 u tordna l-konfiska tad-Dokument E favur il-Gvern ta' Malta.

Inoltre il-Qorti qed tordna is-sospensjoni tal-licenzji jew permessi tal-kacca tal-imputat u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------